# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 20 ta' Marzu, 2023

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 739/2019 ISB**

**Av. Paul Micallef Grimaud (id. No. 67579M) bħala mandatarju speċjali ta' (1) BR INTERNATIONAL HOLDINGS INC, soċjeta estera reġistrata ġewwa l-British Virgin Islands, iżda bl-indirizz ta' korrispondenza ta' Jebel ali, Dubai, United Arab Emirates u (2) THE INDEPENDENT TOBACCO FZE, soċjeta estera reġistrata ġewwa l-United Arab Emirates, ta' P.O Box 261031, Jebel Ali, Dubai, United Arab Emirates**

**vs**

**(1) VENTA INVEST & TRADE LTD, ta' 59 Devons Road, E3 3DW, London, United Kingdom u Dr Fransine Abela u l-PL Gillian Muscat kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-assenti socjetajiet esteri (i) AL ARJWANA ALMUDIYA COMPANY, ta' Jamal Abdulnaser Street, Zawiyat**

**Al Amartyin, Libya, u (ii) ALMOSTAKEL IMPORTS ta' Alhurrya Street, Tripoli Libya, nominati b'digriet tal-1 ta' Ottubru 2019 u l-kuraturi Dr Fransine Abela u P.L. Gillian Muscat gew mahruga barra mill-kawza b'verbal tal-10 ta' Ottubru 2019**

**DIGRIET GĦAR-RIKORS IMRESSAQ MIS-SOĊJETA' VENTA INVEST & TRADE LIMITED ET FIT-28 TA' LULJU 2022 (fil-proceduri 633/2019 imma ugwalment applikabbli ghal kaz odjern) SABIEX TAWTORIZZA LIS-SOĊJETA' VENTA INVEST & TRADE LIMITED ET TIPPREŻENTA AFFIDAVIT U OPINJONI LEGALI BĦALA PARTI MILL-PROVI FIL-KAWŻA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta' **Venta Invest & Trade Limited et**, intavolat fit-28 ta' Lulju 2022 (fol 502) li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti:

> *"...tawtorizza lis-soċjeta' esponenti tippreżenta l-affidavit ta' Anna Tsankova-Koleva u l-opinjoni legali ta' Slavi Dimitrov u dan sabiex iservu bħala parti mill-provi fil-kawża odjerna u fil-kawża fl-ismijiet premessi bin-numru 739/2019/MCH."*

Rat ir-**risposta** ta' **Paul Micallef Grimaud noe.** intavolata fl-14 ta' Diċembru 2022 (fol 577).

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2023 li l-provi miġburha fil-kawża fl-istess ismijiet bir-referenza 633/19 ISB huma applikabbli wkoll ghal din il-kawza u għalhekk dan id-digriet huwa applikabbli wkoll fiż-żewġ kawżi.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-**rikors** odjern is-soċjeta' **Venta Invest & Trade Limited et** talbet lil din il-Qorti tawtorizza il-preżentata tal-affidavit ta' Anna Tsankova-Koleva u l-opinjoni legali ta' Slavi Dimitrov sabiex iservu bħala parti mill-provi fil-kawża odjerna u fil-kawża fl-ismijiet premessi bin-numru 633/2019ISB.

Tispjega li fil-mori tal-kawża miet wieħed mix-xhieda Nikolai Ivanov Kolev u l-werrieta tiegħu huma martu Anna Tsankova-Koleva u bintu li hi minorenni.

Tgħid li Anna Tsankova-Koleva mhix waħda mix-xhieda indikati fil-lista tax-xhieda tas-soċjeta' Venta Invest & Trade Limited, iżda s-soċjeta' qed tippreżenta affidavit u dokumenti sabiex iservu bħala provi fil-kawżi odjerni.

Tispjega li tinħtieġ tinġieb ukoll opinjoni legali dwar it-trasferiment *causa mortis* tad-drittijiet intelletwali propjetartji ta' *copyright* li s-soċjeta' Venta Invest & Trade Limited għandha fil-pussess tagħha fil-forma ta' opinjoni legali ta' Slavi Dimitrov, avukat prattkanti fil-Bulgarija dwar il-materja.

Tikkontendi li dawn id-dokumenti ġew reżi neċessarji mal-mewt ta' wieħed mix-xhieda indikati u għalhekk qed titlob l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex tippreżentahom.

Il-Qorti tosserva li flimkien mar-rikors ġew ippreżentati s-segwenti dokumenti:

1. Dok VI 5 – ċertifikat tal-mewt ta' Nikolai Kolev
2. Dok VI 6 – ċertifikat tal-wirt relattiv għall-patrimonu ta' Nikolai Kolev
3. Dok VI 7 – Deed of Assignment
4. Dok VI 8 – Opinjoni legali dwar it-trasferiment *causa mortis*
5. Dok VI 9 – Affidavit ta' Anna Tsankova-Koleva
6. Dok VI 10 – Affidavit ta' Filip Lazarov
7. Dok VI 11 – Affidavit ta' Niklolay Invanov Kolev

Minn naħa tiegħu l-**Avukat Paul Micallef Grimaud noe** isostni li l-preżentata tal-affidavit ta' Nikolay Ivanov Kolev (Dok VI11) bid-dokumenti annessi miegħu għandha tiġi miċħuda u din il-Qorti għandha tisfilza mill-atti dan id-dokument stante li minħabba li l-imsemmi Nikolay Ivanov Kolev miet, l-Avukat Paul Micallef Grimaud noe ma jistax jagħmel kontro-eżami tal-istess u b'hekk ser ikun żvantaġjat minħabba li l-provi attriċi huma diġa' magħluqa.

Jgħid ukoll li l-ewwel erba' paragrafi tal-affidavit ta' Anna Tsankova-Koleva huma allegazzjonijiet ta' fatti *detto del detto* u għalhekk mhumiex ammissibbli bħala prova u għalhekk din il-Qorti għandha tordna t-tħassir ta' dawn il-paragrafi mill-istess affidavit u fin-nuqqas it-tħassir u l-isfilz tal-affidavit sħiħ.

Isostni li fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti għandha tawtorizza lill-Avukat Paul Micallef Grimaud noe sabiex jippreżenta xhieda ulterjuri sabiex jilqa' għall-allegazzjonijiet ta' fatt mressqa mix-xhud Nikolay Ivanov Kolev, li ma jistax jiġi kontro-eżaminat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tosserva li fir-rigward ta' żieda ta' xhieda li ma jkunux ġew elenkati fir-rikors promotur jew fir-risposta, l-**Artikolu 158(5) tal-Kap 12** tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid testwalment hekk:

> *(5) Ir-reġistratur ma għandu jirċievi ebda risposta ġuramentata li magħha ma jkunx hemm dak li huwa elenkat fis-subartikolu (3), u l-qorti ma għandha tħalli jinġieb ebda xhud li ismu ma jkunx ingħata f'dik id-dikjarazzjoni.* ***Meta l-ħtieġa għall-produzzjoni ta' xhud tinqala wara li***

> ***tkun ġiet preżentata d-dikjarazzjoni, jew meta l-parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha bil-mod kif jingħad fl-artikolu 150(1)(ċ), jew jekk il-qorti tqis li jkun fl-interess tal-ġustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari, il-qorti tista' tħalli lil dak ix-xhud jinstema.***

F'dan il-każ il-Qorti tosserva li l-kunsens tal-parti kuntrarja ai termini tal-artikolu 150(1)(ċ) ċertament li ma ngħibx. Minkejja dan, il-Qorti tosserva li fir-risposta tiegħu l-Avukat Paul Micallef Grimaud noe qiegħed iressaq ir-riservi tiegħu dwar il-preżentata ta' żewġ dokumenti biss mis-sebgħa li ġew ippreżentanti mis-soċjeta' Venta Invest & Trade Limited. Iżda la darba ma ngħibitx l-imsemmija prova ta' kunsens, il-Qorti teħtieġ tgħarbel jekk hux fl-interess tal-ġustizzja li l-provi in kwistjoni jiġu ammessi anke fejn il-kontro-parti m'urietx l-oġġezzjoni tagħha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Cutalex Tourist Company Limited vs Pamela Rose Wathen pro et noe et** deċiża fit-30 ta' Mejju 2003 fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"...l-konsiderazzjoni l-ohra dwar il-possibilita` ta' ammissjoni ta' xhud mhux dikjarat "jekk il-Qorti jidhrilha li jkun fl-interess tal-gustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari" ghandha dejjem tinftiehem u tigi interpretata fl-ambitu tar-regola li tghid li kull xhud ghandu jigi dikjarat minn qabel u mhux wara li jibdew il-proceduri."*

Applikat dan l-insenjament għal każ odjern, il-Qorti tibda biex tosserva li flimkien mad-dokumenti ppreżentati mar-rikors odjern hemm affidavit ta' Filip Lazarov (Dok VI 10) fil-kapaċita tiegħu ta' Kap Eżekuttiv tas-soċjeta' Venta Invest & Trade Limited. Peress li d-diretturi u l-impjegati tal-istess soċjeta' ġew elenkati fil-lista tax-xhieda, din il-Qorti tibda biex tiddikjara li l-imsemmi affidavit huwa ċertament ammissibli u ma jeħtieġ l-ebda awtorizazzjoni mill-istess Qorti sabiex jiġi ammiss. Fil-fatt kien jagħmel iktar sens kieku dan l-affidavit ġie ppreżentat waħdu u mhux mar-rikors odjern, stante li dan m'għandu x'jaqsam xejn mal-mewt tax-xhud Nikolai Ivanov.

Fit-tieni lok il-Qorti tosserva li numru mid-dokumenti u ċioe VI 5, VI 6, VI 7 u VI 8 huma kollha relatati mal-mewt ta' Niklolay Ivanov. Dawn jinkludu prova tal-mewt tal-istess Niklolay Ivanov Kolev, informazzjoni dwar is-suċċessjoni tiegħu, it-trasferiment tal-propjeta` intelletwali mertu ta' dawn il-proċeduri lis-soċjeta' Venta Invest & Trade Limited, kif ukoll opinjoni legali ta' espert Bulgaru rigward it-trasferiment *causa mortis* tal-propjeta ta' Niklolay Ivanov Kolev.

**Ma hemmx dubju f'moħħ din il-Qorti li dawk id-dokumenti kif ukoll l-opinjoni legali huma kruċjali fil-kawżi odjerni u huma dokumenti importanti sabiex jiġi determinat il-mertu tal-kawżi odjerni għax jikkonċernaw propju l-allegat dritt li qiegħed jiġi kkontestat. Huwa ċert ukoll li ċertament li ħadd ma seta' jbassar il-mewt tax-xhud fil-mori ta' dawn il-proċeduri u għalhekk ċertament li x-xhieda ulterjuri ma setgħatx tiġi dikjarata minn qabel. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li hu fl-interess tal-ġustizzja li jkunu nklużi.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fir-rigward tal-affidavit ta' Niklolay Ivanov Kolev, l-Avukat Paul Micallef Grimaud noe. isostni li dan m'għandhux jiġi aċċettat bħala provi mill-Qorti stante li m'hemmx il-possibilita` li ssirlu kontro-eżami stante l-mewt tiegħu.

Il-Qorti tosserva dak li qalet din il-Qorti l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Micallef Insurance Agency Limited vs Mario Bugeja et** deċiża fl-24 ta' Jannar 2014, fejn il-Qorti kkonfrontatha b'leżjoni ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq minħabba n-nuqqas ta' possibilita` li jsir kontro-eżami lil xhud li kien miet qalet is-segwenti:

> *"Il fatt li f'Mejju 2004 miet ix-xhud, ma jaghmilx ix-xhieda tieghu inammissibbli. Sahansitra' l-Artikolu 600 tal-Kap. 12 jipprovdi li bhala prova jistghu jitressqu dikjarazzjonijiet li jkunu saru bil-miktub f'kull lok li jkun, quddiem magistrat jew persuna ohra, in articulo mortis jew zmien iehor, irrispettivament sarux quddiem il-partijiet, bil-gurament jew le."*

Applikat dan l-insenjament, il-Qorti ma tara ebda raġuni għala l-affidavit in kwistjoni m'għandux jiġi ppreżentat fil-kawżi odjerni. Madanakollu, il-Qorti tapprezza li d-dritt għal kontro-eżami jagħti l-possibilita' lil dik il-parti li tirribatti x-xhieda partikolari, possibilita' li f'dan il-każ ma teżistix minħabba l-mewt tal-istess xhud. Biss il-fatt li parti ma tistax teżerċita d-dritt tagħha għall-kontro-eżami bl-ebda mod ma jfisser li dik il-parti ma tistax iġġib prova oħra li tirribatti l-istess affidavit.

Il-Qorti tosserva li d-diffikulta' tal-Avukat Paul Micallef Grimaud noe f'dan ir-rigward hu l-fatt li bħala attur noe diġa għalaq il-provi tiegħu fil-kawżi odjerni. Fiċ-ċirkostanzi, li ċertament ħadd ma seta' jipprevedi, din il-Qorti ma tarax għala dan għandu jservi bħala ostakolu u għala m'għandhiex il-Qorti tikkonċedi lill-istess attur noe. li jerġa jiftaħ il-provi, bl-iskop li jilqa' għall-allegazzjonijiet kontenuti fl-istess affidavit.

**Għalhekk din il-Qorti ser tiddikjara ammissibbli l-affidavit ta' Niklolay Ivanov Kolev (Dok VI 11) b'dana illi l-Avukat Paul Micallef Grimaud ikun awtorizzat jippreżenta kwalunkwe provi ulterjuri sabiex jilqa' għall-allegazzjonijiet hemm kontenuti.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fir-rigward tal-Affidavit ta' Anna Tsankova-Koleva (Dok VI 9), l-Avukat Paul Micallef Grimaud qed jopponi għall-ewwel erba' paragrafi tal-istess affidavit stante li l-kontenut tagħhom huma *detto del detto*. Il-Qorti tosserva li l-Artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid testwalment hekk:

> ***598.*** *(1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti. (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk. (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li*

*jsemmi l-persuna li minn għandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet*

***599.****Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali lima jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijietta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.*

Il-Qrati nostrani kellhom diversi okkażżjonijiet fejn ġew infaċċati bl-interpretazzjoni tal-artikoli suesposti. Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tagħha, diversament preseduta fl-ismijiet **Rev Joe Borg et vs Felix Agius** deċiża fid-29 t'April 2004, fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

*"Illi l-Qorti tinnota li l-kawża waslet fl-istadju tal-provi tal-imħarrek dwar l-eċċezzjonijiet li dwarhom għadha ma ngħatat l-ebda deċiżjoni; tinnota li Dottor Mario Vella huwa indikat (fin-Nota mehmuża man-Nota tal-Eċċezzjonijiet) bħala xhud tal-imħarrek; u tinnota li, fi kliem id-difensur tal-atturi waqt is-smigħ tal-25 ta' Frar, 2003 , m'huwiex probabbli li Philip Rizzo nnifsu se' jkun jista' jinġieb b'xhud tal-imħarrek f'din il-kawża fi żmien raġonevolment qrib jew prevedibbli;*

*Illi l-Qorti lanqas m'hija lesta li toqgħod titfa' l-kawża minn smigħ għal ieħor sakemm l-imsemmi Philip Rizzo jkun f'qagħda li jagħti x-xhieda tiegħu, bla ma tkun qegħda b'hekk ittawwal is-smigħ tal-każ bla raġuni tajba u bi ksur tar-regoli tal-proċedura;*

*Illi fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 599 tal-Kap 12, il-Qorti tista' tħalli li tinstama' u tieħu qies tax-xhieda fuq kliem ħaddieħor, f'każijiet "ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti . . . .";*

*Illi, fil-fehma meqjusa tal-Qorti u lil hinn minn kull stqarrija minn qabel tas-siwi probativ tax-xhieda ta' Dottor Mario Vella, l-imsemmi artikolu proċedurali jsejjes it-talba tal-imħarrek f'dan ir-rigward;*

*Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-tħollija mill-Qorti tas-smigħ tax-xhieda ta' Dottor Mario Vella għandha ssir fil-ħarsien sħiħ tal-provvedimenti fuq imsemmija diġa' meħudin f'din il-kawża u tal-għanijiet preċiżi li għalihom il-kawża tinsab imħollija;"*

Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għad-deċiżjoni tagħha diversament preseduta fl-ismijiet **Raymond Psaila vs Pisciculture Marine De Malta Limited** deċiża fis-16 ta' Frar 2004, fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *"Fil-każ preżenti, l-attur ma setax kien jaf, fl-istadju tat-tressiq tal-provi tiegħu, b'dak li kien se' jixhed Robert Aquilina dwar jekk kienx kellem lil xi ħadd dwar il-kundizzjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-persuna li kienet taħdem mal-kumpannija u li kienet involuta direttament mal-impjegati (jiġifieri, Murdo McLeod) llum il-ġurnata ma tinsabx f'Malta. Il-liġi wkoll tipprovdi rimedju f'każ bħal dan;*
>
> *Il-Qorti tqis li huwa fl-interess tal-ġustizzja li l-attur jitħalla jixhed dwar il-fatt imsemmi fil-verbal, u dan ukoll biex jiġi assikurat li l-partijiet ikunu tassew soddisfatti li ressqu kull prova rilevanti tagħhom qabel ma l-Qorti tiddikjara l-istadju tal-provi magħluq;"*

Finalment, din il-Qorti tirreferi wkoll għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Lorenzo Pace noe et vs Michael Cremona noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-12 ta' Lulju 2007 fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Hu minnu wkoll li tista' tikkostitwixxi detto del detto. B' danakollu ma jfisserx, imbaghad, illi dik id-dikjarazzjoni ghax intqalet fic-cirkustanzi pervenuti ma kienetx fededenja jekk ghal fatt li hi hearsay ma ghandhiex valur probatorju u ghandha tigi skartata. Hu, anzi, profess illi f' certi kazijiet ix-xhieda fuq kliem haddiehor hi ammessa. Fost dawn hemm il-kaz ta' meta dan l-istess kliem haddiehor ikollu, fih innifsu, u fil-kumpless unitarju tal-provi, importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawza jew ikun jaghmel parti minnu. Ara Artikolu 599, Kapitolu 12 u "**Avv. Dr. Giovanni Bonello -vs- Alfred Mifsud**", Appell Inferjuri, 14 ta' Jannar, 1986;"*

Fiċ-ċirkostanzi ċertament li Nikolai Ivanoc Koleva ma jistax jinġieb jixhed *viva voce* u minkejja li din il-Qorti qiegħda permezz ta' dan id-digriet tawtorizza li jiġi ppreżentat l-affidavit tiegħu, ċertament li ma jistax isirlu kontro-eżami fuq l-istess fatti.

Il-Qorti hija tal-fehma li mhux talli l-informazzjoni kontenuta fl-ewwel erba' paragrafi tal-istess affidavit huma t'importanza għal mertu tal-kawżi odjerni, iżda jagħtu l-opportunita` kemm lill-Qorti u kemm lill-kontro-parti li jistaqsu mistoqsijiet ulterjuri dwar l-istess fatti u b'hekk din il-Qorti hija tal-fehma li jekk kemm -il darba jiġu skartati u mħassra, dan ser iservi kontra l-interessi tal-ġustizzja. Il-Qorti tfakkar li wara kollox waħda mill-fakoltajiet importantissimi tagħha hija t-tfittix tal-verita` u b'hekk jekk kemm -il darba xhud importanti miet qabel ma' din il-Qorti setgħet tisimgħu u tgħarbel ix-xhieda tiegħu mela allura jeħtieġ li taċċetta kwalunkwe prova li sservi sabiex tqarribha dejjem aktar lejn il-verita`. Jibqa' dejjem impregudikat id-dritt tal-Qorti illi meta tigi ghad-decizjoni finali, hija tgharbel il-provi kollha mressqa u tiskarta dak li jista' jkun irrilevanti jew inammissibbli.

**Għalhekk ser tkun qed tawtorizza l-preżentata tal-affidavit ta' Anna Tsankova-Koleva u tiddikjarah kollu kemm hu ammissibbli.**

<u>**Għaldaqstant**</u> din il-Qorti qed tgħaddi biex tilqa' t-talba tas-soċjeta' Venta Invest & Trade Limited kif kontenuta fir-rikors tagħha tat-28 ta' Lulju 2022 u tawtorizza lill-istess soċjeta' tippreżenta l-affidavit ta' Anna Tsankova-Koleva u l-opinjoni legali ta' Slavi Dimitrov.

B'dan pero` illi tiddikjara l-provi attriċi fil-kawżi odjerna miftuħa mill-ġdid iżda limitatament sabiex l-Avukat Paul Micallef Grimaud noe jippreżenta provi, li għandhom jiġu elenkati lill-Qorti b'nota fir-reġistru sa mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' dan id-digriet, sabiex jilqa' għall-allegazzjonijiet kontenuti fl-affidavit ta' Nikolai Ivanov Kolev (Dok VI11).

Il-Qorti tirrizerva li tipprovdi dwar spejjeż mad-decizjoni finali.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |